MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1890/2001/1

**Bank of Valletta p.l.c.**
**Vs**
**Carmel Ray Micallef**

Kawza Nru:

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-Bank attur li in forza taghha, wara li ppremetta illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Carmel Ray Micallef fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, sitt mija u sebgha u tletin liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm 22,637.86) import ta' sebgha u ghoxrin (27) kambjala migbuda mis-socjeta' Rainbow Mix Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta' mittenti liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fit-28 ta' Gunju 1999, 15 ta' Lulju 1999, 28 ta' Lulju 1999, 15 t'Awissu 1999, 28 t'Awissu 1999, 28 t'Awissu 1999, 15 ta' Settembru 1999, 28 ta' Settembru 1999, 28 ta' Settembru 1999, 28 t'Ottubru 1999, 28 t'Ottubru 1999, 28 ta'

Novembru 1999, 28 ta’ Novembru 1999, 28 ta’ Dicembru 1999, 28 ta’ Dicembru 1999, 28 ta’ Jannar 2000, 15 ta’ Frar 2000, 15 ta’ Marzu 2000, 15 t’April 2000, 15 ta’ Mejju 2000, 15 ta’ Gunju 2000, 15 t’Ottubru 2000, 15
t’Ottubru 2000, 15 ta’ Novembru 2000, 15 ta’ Dicembru 2000, 15 ta’ Jannar 2001, 15 ta’ Frar 2001, rispettivament (Dok. “A1 sa A27”) flimkien ma l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta’ l-iskadenza tal-kambjali sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Illi dawn is-sebgha u ghoxrin (27) kambjala immaturaw u ma gewx imhallsa;

Illi s-socjeta’ attrici nterpellat lill-konvenut Carmel Ray Micallef sabiex ihallsu dawn il-kambjali skaduti permezz ta’ ittra ufficjali datata 28 ta’ Settembru, 2001 hawn esebita u mmarkata “Dok B” izda dawn baqghu inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut, fil-fehma tas-socjeta’ attrici l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x’iressaq f’din il-kawza li ghalhekk tista’ tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta’ l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet.

Tghid is-socjeta konvenuta ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

1. Taqta’ u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta’ l-Artikolu 167 et. seq. tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligjijet.
2. Tikkundanna lil-konvenut Carmel Ray Micallef ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, sitt mija u sebgha u tletin liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm 22, 637.86) import ta’ sebgha u ghoxrin (27) kambjala skaduti u mhux imhallsa (Dok. “A1 sa A27”), liema kambjali gew migbuda mis-socjeta’ Rainbow Mix Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta’ mittenti;
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Settembru, 2001 u l-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-iskadenza tal-kambjali sad-data ta’ l-effettiv pagament

kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha huwa eccepixxa illi huwa ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-kambjalijiet li fuqhom s-socjeta attrici qieghda tibbaza l-azzjoni odjerna ma gewx iffirmati f'ismu personalment, izda ghan-nom tas-socjeta R C Construction Limited;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kambjalijiet huma nulli u bla effett stante illi dawn ma gewx iffirmati mill-mara tal-konvenut;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-valur mitlub fl-azzjoni odjerna ma huwiex dovut stante illi saru kemm xoghlijiet da part tas-socjeta R C Construction lis-socjeta Rainbow Mix Concrete Limited, kif ukoll diversi hlasijiet mill-istess socjeta R C Construction Limited, a favur ta' min kienu nhargu l-kambjalijiet li abbazi taghhom qieghda ssir l-azzjoni odjerna, u ghalhekk l-istess socjeta Rainbow Mix Concrete Limited ghandha tigi kjamata fil-kawza;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bilanc tal-flejjes ma huwiex dovut lis-socjeta attrici peress illi s-socjeta Rainbow Mix Concrete Limited ghamlet xi xoghlijiet ghas-socjeta R C Construction Limited, liema xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, skond kif ammess mir-rappresentant tas-socjeta Rainbow Mix Concrete Limited stess;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat in-nota tas-socjeta attrici ppresentata fid-19 ta' Novembru, 2003, li in forza taghha irriduciet il-pretensjoni taghha f'dawn l-atti ghas-somma ta' Lm 12,000;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li s-socjeta` R C Construction Ltd, li taghha l-konvenut huwa azzjonist principali u l-uniku direttur, kienet ordnat diversi konsenji ta' konkos minghand is-socjeta` Rainbow Mix Ltd, u peress li l-konsenja kienet issir 'on credit', is-socjeta` R C Construciton Ltd irrikonoxxiet dan id-dejn bil-hrug ta' kambjali. Dawn il-kambjali nhargu mis-socjeta' Rainbow Mix Ltd. u nhargu uhud fuq R C Construction Ltd. u uhud fuq R C Construction. L-indirizz, fiz-zewg kazi, huwa l-istess, u cioe`, R C Garage, Plot 1, Blata l-Gholja, Mosta. Il-kambjalijiet gew kollha iffirmati u accettati mill-konvenut f'ismu personali; ma hemm ebda accettazzjoni mill-konvenut ghan-nom ta' xi socjeta`. Dawn il-kambjali gew kollha girati mis-socjeta` Rainbow Mix u favur il-Bank of Valletta plc. Peress li issa l-kambjalijiet skadew, il-Bank attur interpella lill-konvenut biex jonora l-kambjali u jhallas l-ammonti hemm indikati. Peress li l-konvenut baqa' inadempjenti, il-Bank attur fetah dawn il-proceduri fejn qed jitlob li jigi kannonizat kreditur tal-konvenut.

Il-konvenut, li gie imharrek fil-vesti personali tieghu, qed jikkontesta l-kawza billi jecepixxi li l-kambjalijiet ma gewx iffirmati f'ismu personali, izda ghan-nom tas-socjeta` R C Construction Ltd, li, f'kull kaz, il-kambjalijiet huma nulli ghax ma gewx iffirmati minn mart il-konvenut, u li l-istess kambjali m'ghandhomx jigu onorati ghax l-obbligazzjoni li hija l-bazi tal-kambjali ma gietx imwettqa mis-socjeta` Rainbow Mix skond l-arti u s-sengha.

Ghar-rigward ta' din l-ahhar sottomissjoni, li hija l-meritu tat-tielet u r-raba eccezzjoni tal-konvenut, din il-Qorti tinnota li din tolqot il-meritu tal-"*underlying obligation*" li tat lok ghal hrug tal-kambjali, izda peress li din l-azzjoni hija azjoni kambjarja, bazata fuq kambjali girati favur il-Bank attur, mhux lecitu li l-possessur tal-kambjali jigi rinfaccjat

b'eccezzjonijiet li jolqtu transazzjoni li fihom hu ma kienx parti. Meta tigi girata, it-terz possessur ghandu dritt jagixxi fuq dak li jidher "*on the face*" tal-kambjala; kambjala girata takkwista ezistenza awtonoma u titqies bhala obligazzjoni fiha nfisha indipendenti mill-obbligazzjoni li wasslet ghal-hrug taghha. Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti kieku l-kambjala ma kienetx giet girata, izda baqghet fil-patroncinju tal-kreditur tal-obbligazzjoni, ghax f'dik is-sitwazzjoni l-kambjala ma jkollhiex ezistenza awtonoma, imma titqies biss bhala prova tal-"*underlying obligation*" li tista' tkun mistharga mill-Qorti f'azzjoni tal-kontraent / kreditur li jagixxi a bazi tal-kambjali.

Dan il-punt gie diskuss minn din il-Qorti fil-kawza "Giordmaina vs Pace", decisa fis-16 ta' Jannar, 2003. F'dik il-kawza, din il-Qorti kienet ghamlet is-segwenti osservazzjoni:

"Din il-Qorti tried tirrimarka ukoll li meta kambjala tibqa fil-patrimonju tal-krediturі tal-obbligazzjoni (cioe` ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu maghruf, ma tohloqx novazzjoni, u meta tibqa f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali.

L-iskop ta' kambjala hija li tista tigi girata malajr u meta tigi girata takkwista karattru awtonomu. Minghajr kambjala, kreditur jista jaghmel kuntratt ta' cessjoni ta' dritt taht il-ligi civili, pero`, fil-konfront tat-terz akkwirent, id-debitur xorta jkun jista jissolvela eccezzjonijiet li jolqtu n-negozju. Ghalhekk, ghall-kreditur, dan id-dritt ta' cessjoni ma tantx hu effettiv ghax ma tantx issib nies lesti jiehdu kreditu ta' haddiehor, u fl-istess hin jibqghu esposti ghall-kwistjonijiet inerenti ghal-obbligazzjoni li ghalih ma kienux parti. Ghalhekk inholqot il-kambjala. Peress li minn jixtri kambjala, qed jixtri titolu ta' kreditu awtonomu, jaf li kwistjonijiet naxxenti mill-obbligazzjoni li waslet ghall-dak

il-kreditu, jibqghu estranei ghalih, ghax hu, bhala terz akkwirent, jista jfittex biss fuq il-kambjala. Bejn il-partijiet, pero`, il-kambjala m’ghandiex ikollha din in-natura ghax il-kambjala tkun biss prova tad-dejn li inholoq bejn l-istess partijiet, u allura l-obbligazzjonijiet reciproci tal-istess partijiet huma rilevanti ghall-kull kawza li ssir ghall-hlas. Fi kliem iehor, azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li hargu l-istess, ma tistax timxi wahedha minghajr riferenza ghall-ftehim li wassal ghall-hrug taghha (ara “Scicluna vs Vella”, Qorti tal-Kummerc, 18 ta’ Marzu, 1965). Kif inghad, il-Qorti ma tistax tordna lill-B ihallas lill-A fuq kambjala, meta A ma jkunx wettaq l-obbligi tieghu li waslu ghall-hrug ta’ dik il-kambjala ! (ara ukoll l-artikolu 152 (2) tal-Kodici tal-Kummerc). Il-legislatur Malti ma ghamilx il-kambjala titolu esekuttiv, specifikament biex il-kambjala, diment li tkun ghada fil-pussess tal-persuna favur min inharget, ma tigix uzata bhala magna ta’ estorzzjoni, izda minn jitlob hlas fuqha ikun irid jiggustifika t-talba tieghu, ghax altrimenti tista tkun obbligazzjoni bla kawza (jekk ma jkunx wettaq id-doveri tieghu) li ma tistax tigi enforzata. Kambjala ma tohloq qatt novazzjoni tal-obbligazzjoni precedenti (ara “Portelli vs Schembri”, Qorti tal-Kummerc, 1935, Vol. XXIX. III .80), u f’kazi simili l-kambjala hija intiza biss biex tiffacilita l-pagament, u mhux ghall-skop iehor – *pro solvendo* u mhux *pro soluto*.”

F’dan il-kaz, il-kambjali gew girati mill-kreditur favur il-Bank attur, li, kwindi, ghandu dritt jagixxi a bazi ta’ dak li jidher manifest fuq il-kambjali, minghajr ma l-azzjoni tieghu tkun opposta b’eccezzjonijiet li jkunu personali ghall-giranti. Dan jidher car ukoll mis-segwenti sentenzi moghtija mill-Qorti taljani:

“Le cambiale e` un titolo di credito astratto dal rapporto fondamentali, il quale non puo` essere opposto al terzo possessore di buona fede: tale obbligazzione astratta, che si colega al principio dell’ autonomia del diritto del credito cambiario, e` tale quando si considera nella sua circolazione, cioe` quando congiunge due persone che non hanno contratto fra loro e si trovano l’ una di fronte all’ altra per la sola forza del titolo” - app. Bari, 05 gennaio, 1952;

"Il carattere formale del titolo cambiario e` destinato ad operare solo rispetto ai terzi possessori del titolo stesso e non tra le parti nei cui confronto sorse originariamente il rapporto cambiario e rispetto alle quali l'efficacia cambiaria non puo` avere valore assoluto, giacche` non puo` dissociarsi daglio accordi sostanziali che hanno determinato l' assunzione di una promessa cambiaria". - Cassazione, 12 lulgio, 1962;

Fid-dawl ta' dawn il-principji, it-tielet u r-raba eccezzjoni tal-konvenut huma insostenibbli f'din il-kawza u qed jigu, allura, rigettati.

Ghar-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, din il-Qorti hasbet fit-tul dwar l-effett taghha, pero`, ma tistax taccettha, peress li, kif inghad, kambjala girata trid tigi trattata a bazi ta` dak li jidher fuq l-istess kambjala, u meta l-kambjala hija accettata mill-konvenut personalment, l-azzjoni trid issir kontra tieghu u hadd aktar. Fil-fatt, biex tigi accettata s-sottomissjoni tal-konvenut li hu iffirma f'isem kumpanija, jridu jigu accettati zewg presupposti - li l-isem tad-*drawee* nizel bi zball fuq il-kambjala, fis-sens li kellha tigi indikata s-socjeta` "*limited*", u li hu iffirma wkoll bi zball, fis-sens li kellu jiffirma "for and on behalf" tal-kumpanija. Dawn iz-zewg presupposti, pero`, ma jirrizultawx mill-kambjala, u biex jigu accettati jkun irid jintrifes il-principju li terz possessur ghandu jkun gwidat biss minn dak li jidher fuq il-wicc tal-kambjala, u jkun ifisser ukoll strapp ghal-principju ta' awtonomia ta' kambjala f'idejn il-giranti.

Lil min tkun indirizzata l-kambjala mhux daqshekk importanti ghat-terz; dak li hu responsabbli ghal-hlas huwa dak li accetta l-kambjala: tieghu hija l-firma importanti u *sine qua non* ghall-validita` tal-kambjali, u r-relazzjoni tat-terz possessur hija biss ma dik il-persuna li accettat u iffirmat l-istess kambjala. Fil-fatt, hu accettat li, meta tinhareg kambjala, id-*drawee* ikun ghadu *outsider*, u jsir parti fuq il-kambjali malli jaccetta l-istess obbligazzjoni bil-firma tieghu fuq l-istess kambjala. (Artikolu 148 Kodici tal-Kummerc). L-azzjoni kambjarja ghandha hajja ghal

kollox indipendenti minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ippreceditha jew obbligazzjoni li setghet iggenerata. Il-kawza guridika tal-kambjala tassumi karattru indipendenti malli l-kambjala tigi ffirmata u girata, u f'idejn it-terz possessur dik il-firma hija l-qofol tal-obbligazzjoni u, f'idejh, il-kawza guridika gdida tal-kambjala hija identifikata bil-ligi mal-firma li tkun saret fuq il-kambjala (ara, in sostenn ta' dan il-principju, is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Marzu, 1989, fil-kawza fl-ismijiet "Sammut vs Cassar").

Ir-responsabilita tad-debitur taht kambjala tohrog mill-firma tieghu. Huwa principju ingliz in materja illi min jiffirma kambjala huwa personalment responsabbli biex jonora l-kambjala, u dan sakemm ma jkunx iffirma "*for and on behalf of a principal*" (T. G. Reeday, "The Law Relating to Banking", 4th Edit. pag. 352), u allura, "*once he accepts the bill, the acceptor becomes liable to the drawer for so long as the bill remains in the drawer's hands, and is always the party primarily liable on the bill to any subsequent holder* (ibid. pag. 386).

Fil-fatt, fl-Ingilterra kambjala titqies valida anke jekk id-*drawee* "*is a fictitious person or a person not having capacity to contract*", u l-awtur imsemmi jindika, bhala ezempju ta' "*fictitious drawee that often used to be given*", kambjali mahruga fuq "*the man on the moon*" (ibid. pag. 336). Dawn il-kambjali jitqiesu validi, darba fuq l-istess kambjala jkun hemm firma ta' persuna b'mod li d-*drawee* ikun "*reasonably identified*". Fi kliem iehor, ghal-validita` ta' kambjala, irid ikollok indikazzjoni tad-*drawee*, izda l-identifikazzjoni tista tirrizulta tramite l-firma tal-accettant, li hi l-qofol tal-obbligazzjoni li tohrog minn kambjala.

F'dan il-kaz, id-*drawee* hija "*a fictitious person*", peress li R C Construction ma tezisthiex. Il-Bank attur, f'din il-kawza mhux jagixxi fil-konfront tal-kambjali mahruga fuq R C Construction Ltd, u dan peress li rrinunzja ghall-azzjoni bazata fuq dawn il-kambjali sabiex, fir-rigward, ikun jista jipprocedi "f'gudizzju separat". Il-bazi tal-azzjoni ta' din il-kawza hija kambjali mahruga "*to a fictitious drawee*", u l'

identifikazzjoni tad-*drawee* tohrog umbaghad mill-firma tal-konvenut fil-vesti tieghu personali.

Fil-kawza "Lia vs Cianco", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-13 ta' Lulju, 1990, intqal li kambjali ghandhom karattru awtonomu u indipendenti mill-negozju li seta' ta' lok ghal hrug taghhom. Ghalhekk, jekk dawn ikunu iffirmati minn persuna, l-azzjoni kambjarja tista' issir biss kontra tieghu, u ma tistax tirnexxi kontra s-socjeta' li fil-fatt iffirmat il-kuntratt ta' akkwist, avvolja dik is-socjeta` hi guridikament rappresentata mill-persuna li iffirmat il-kambjali. Din is-sentenza identifikat l-importanza tal-firma fuq il-kambjala, li tiddetermina l-persuna responsabbli ghal-hlas tal-ammont indikat fuq il-kambjala.

Hekk ukoll, fil-kawza "Grupetta noe vs Borg", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Jannar, 1982, gie enfasizzat li darba li l-konvenut iffirma l-kambjala bhala accettant u dan personalment, huwa responsabbli ghad-dejn indikat fuq il-kambjala, u hu immaterjali li l-konvenut ma jiggestix negozju wahdu izda taht isem ta' ditta ma huh. Hawn ukoll l-enfasi saret fuq il-firma tal-accettant.

Il-Qorti tista taghmel riferenza ukoll ghall-principju generali, li min jikkontratta jitqies li kkontratta f'ismu sakemm ma jaghmilhiex cara mal-parti l-ohra, li hu jkun qed jitratta f'isem socjeta. Fil-kawza "Borg vs Schembri", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 1973, intqal: "kien dover tieghu jaghmilha cara, kemm-il darba ried li hu personalment ma jkunx responsabbli, li hu kien qed jaghmel l-ordni ghan-nom tal-kumpanija. Altrimenti, tapplika r-regola li wiehed jikkontratta ghalih innifsu u hekk ghandu dritt jahseb u jirritjeni l-kontrajent l-iehor". Jekk tapplika din ir-regola f'kontrattazzjonijiet normali, aktar u aktar ghandha tapplika f'kaz ta' kambjala girata, meta mill-kambjala nnifisha, ma jidhirx li l-accettant kien qed jassumi l-obbligu ghan-nom ta' kumpanija; kwindi l-kreditur, anke fid-dawl tal-principji generali tal-kuntratti, ghandu dritt jahseb u jirritjeni li hu jkun accetta dak l-obbligu "ghalih innifsu".

It-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija ukoll insostenibbli, peress li, skond il-ligi, l-firma tal-konjugi hi mehtiega biss fuq att ta' amministrazzjoni straordinarja. Dawn l-atti huma elenkati fl-artikolu 1322(3) tal-Kodici Civili, u l-firma ta' kambjala ma tissemmhiex bhala att ta' ammistrazzjoni straordinarja. Il-lista tal-atti straordinarja hija wahda kompluta, u ma tistax tigi estiza biex tkopri attijiet mhux hemm imfisra. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Elmo Insurance Ltd vs Pace", decisa fit-3 ta' Ottubru, 2003, huma biss dawk l-atti elenkati fl-artikolu 1322(3)(a) sa (m) li ghandhom jitqiesu ta' natura straordinarja u, ghalhekk, ghandhom ukoll jinghataw interpretazzjoni restrittiva. Min imkien mis-subinciz (3) tal-artikolu 1322 l-att li ta' lok ghal din il-kawza ma jista jikwalifika bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja, u, kwindi, ma kienx mehtieg il-firma ukoll ta' mart il-konvenut fuq il-kambjali.

L-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom kollha, ghalhekk, jigu michuda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-tieni talba attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lill-Bank attur is-somma ridotta ta' Lm 12,000 (tnax-il elf liri Maltin), import ta' tnax-il kambjala skaduti u mhux imhallsa, bl-imghax legali fuq din is-somma mit-28 ta' Settembru, 2001 (data tal-ittra ufficjali interpellatorja ghal-hlas) sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------